

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1941

tat-18 ta' Novembru 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-EPA stabbilit mill-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-lista ta' arbitri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") ġie ffirmat fisem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/152/KE ⁽²⁾. Huwa qiegħed jiġi applikat b'mod proviżorju mill-4 ta' Awwissu 2014.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 85(1) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-EPA (*Economic Partnership Agreement*) għandu jfassal lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi li jservu bħala arbitri.
- (3) Il-Kumitat tal-EPA, fil-laqgħa annwali tiegħu li jmiss, huwa mistenni jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi li jservu bħala arbitri.
- (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, fisem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-EPA, fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjoni prevista sa fejn din tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tal-EPA tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni li jinsab meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, fisem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-EPA stabbilit mill-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-EPA li tadotta l-lista ta' arbitri, li huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
J. LEPPÄ

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2009, p. 2.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/152/KE tal-20 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 57, 28.2.2009, p. 1).

ABBOZZ TA'

DEĊIŻJONI nru /2019 TAL-KUMITAT TAL-EPA**stabbilit mill-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra****ta' ...****li tadotta l-lista ta' arbitri**

IL-KUMITAT TAL-FSE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), iffirmit fi Brussell fit-22 ta' Jannar 2009, u applikat fuq bażi proviżorja mill-4 ta' Awwissu 2014, u b'mod partikolari l-Artikolu 85(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Taħt it-termini tal-Ftehim u ta' din id-Deċiżjoni, il-Parti Afrika Ċentrali hija komposta mir-Repubblika tal-Kamerun.
- (2) Il-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat tal-EPA għandu jstabbilixxi lista ta' ħmistax-il individwu li huma lesti u kapaċi li jservu bħala arbitri għar-riżoluzzjoni tat-tilwim li jista' jinqala' bejn il-Partijiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-lista ta' ħmistax-il individwu li huma lesti u kapaċi li jservu bħala arbitri hija b'dan stabbilita f'konformità mal-Artikolu 85(1) tal-Ftehim u tinstab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
2. Il-lista ta' arbitri msemmija fil-paragrafu 1 hija stabbilita mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola speċifika stabbilita fil-Ftehim jew li tista' tiġi adottata mill-Kumitat tal-EPA.

Artikolu 2

Il-lista ta' arbitri msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi emendata b'deċiżjoni mill-Kumitat tal-EPA f'konformità mal-Artikolu 92(4) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li tiġi ffirmata.

Magħmul fi ..., ...

Għar-Repubblika tal-Kamerun

...

Għall-Unjoni Ewropea

...

ANNEX

LISTA TA' ARBITRI (ARTIKOLU 85(1) TAL-FTEHIM)

Arbitri magħżula mill-Parti Afrika Ċentrali (il-Kamerun):

Is-Sinjura Mildred Alugu BEJUKA - Il-Kamerun
Is-Sur Jean Michel MBOCK BIUMLA - Il-Kamerun
Is-Sur Henri-Désiré MODI KOKO BEBEY - Il-Kamerun
Is-Sur David NYAMSI - Il-Kamerun
Is-Sur OUSMANOU - Il-Kamerun

Arbitri magħżula mill-Parti Unjoni Ewropea:

Is-Sur Jacques BOURGEOIS - il-Belġju
Is-Sur Claus – Dieter EHLERMANN - il-Ġermanja
Is-Sur Pieter Jan KUIJPER - in-Netherlands
Is-Sur Giorgio SACERDOTI - l-Italja
Is-Sur Ramon TORRENT - Spanja

Arbitri magħżula b'mod konġunt miż-żewġ Partijiet:

Is-Sur Thomas COTTIER - (l-Iżvizzera)
Is-Sur Fabien GÉLINAS - il-Kanada
Is-Sinjura Merit E. JANOW - l-Istati Uniti
Is-Sinjura Anna KOUYATE - Mali
Is-Sur Helge SELAND - in-Norveġja
